Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1469/1994/1

**Costantino Caruana u b'digriet tat-23 ta' Novembru, 1994**
**Mary Caruana mart l-istess Costantino Caruana.**

**Vs**

**Nick DeGiorgio u George Papagiorcopulo bhala diretturi**
**u in rapprezentanza tal-Malta International Airport Ltd.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-istanti korra waqt li kien fuq ix-xoghol fil-Malta International Airport fil-31 ta' Awissu, 1992 meta wegga' rkoptu u baqa' jbati minn debilita' permanenti;

Billi b'konsegwenza ta' dan l-incident l-istanti sofra danni konsistenti f'*damnum emergens* u f'*lucrum cessans* kif jigi ppruvat;

Billi l-incident gara minhabba mprudenza, negligenza, inattenzjoni u tort tal-konvenuti nomine;

Jghidu l-konvenuti fil-kwalita' taghhom fuq indikata ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti nomine responsabbli ghall-incident fuq imsemmi li fih safa' korrut l-istanti;

2. Tillikwida d-danni li sofra l-istanti b'konsegwenza ta' dan il-korriment, tant id-danni emergenti kif ukoll it-telf ta' qliegh futur minhabba d-debilita' permanenti li garrab, u dan okkorrendo permezz ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-istanti s-somma hekk likwidata, bl-imghax legali, u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra legali tat-22 ta' Gunju, 1994 u tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Lulju, 1994 kontra l-konvenuti li ghandhom jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Nick DeGiorgio u George Papagiorcopulo bhala diretturi u in rapprezentanza tal-Malta International Airport** a fol. 11 tal-process fejn eccepew:

1. Illi jekk, kif inhu allegat, l-attur wegga' waqt li kien fuq ix-xoghol fil-Malta International Airport u baqa' jbati minn debilita' permanenti, dan ma kienx rizultat ta' xi

mprudenza, negligenza, inattenzjoni jew tort tal-eccipjenti nomine.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet a fol. 62;

Rat ir-rapport tal-espert mediku Dr. F. Zammit Maempel a fol. 65;

Rat id-digriet a fol. 75;

Rat ir-rapport tal-periti addizzjonali a fol. 97;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti eizbiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**FATTI**

L-attur spejga li hu mjegat mal-Air Malta bhala *loader*. L-inicident gara meta kien fis-*sorting area* tal-MIA ghadu kif tghabba t-*trolley* bil-bagalji u qed jigi manuvrat biex jinqala' minn mac-cinga u jigi ngaggjat maz-ziemel. Hu kien qed jigbed it-*trolley* minn quddiem fejn jehel iz-ziemel, b'wiccu lejn it-*trolley* waqt li siehbu Anthony Mangion kien in-naha ta' wara jimbotta t-*trolley*. F'dak il-hin hu jghid li zelaq u habat irkoptu tax-xellug mal-hadida minn fejn kien qed jigbed it-*trolley* u bil-habta waqa' fl-art bl-ugiegh.

**KONTESTAZZJONI**

L-attur qed jissottometti li mill-provi akkwiziti tirrizulta r-responsabilta' tas-socjeta' konvenuta ghaz zelqa fuq l-ilma u zejt fis-sorting area fejn kien qed jahdem. Il-post fejn korra huwa tas-socjeta' konvenuta u aministrat minnha. L-incident gara kawza ta' l-art tizloq b'roqgha ilma u zejt u ghalhekk is-socjeta' konvenuta naqset li zzomm

dak il-*post safe* ghal min kien qed juzah. Skond l-attur l-ilma kien intefa min nies tal-kumpanija konvenuta u z-zejt kien hareg minn *forklifter* li kienu jahdmu bih l-*electricians* tal-kumpanija mqabbda mill-konvenuti li kienu qed iwahhlu *ceiling fans*.

Minn naha l-ohra s-socjeta' konvenuta qed tissottometti li mhux minnu li kien intefa ilma fejn zelaq l-attur u lanqas ma kien minnu li dan l-ilma thallat ma zejt li hareg minn *forklifter* tas-socejta' konvenuta. Il-provi prodotti mill-attur dwar presenza ta' ilma fis-*sorting area* tal-ajruport huma kontradetti mix-xhieda tas-socjeta' konvenuta li wrew li x-xoghol ta' tqeghid tal-*concrete* fis-*sorting area* kien tlesta qabel ma nfetah l-ajruport. Dwar il-presenza taz zejt minn *forklifter* l-attur hu kontradett mix-xhieda tal-konvenuti li wrew li ma kien hemm ebda xogholijiet ta' tqeghid ta' *ceiling fans* fil-31 ta' Awissu 1992.

**PROVI**

L-attur iddikjara (ara dikjarazzjoni) li l-incident gara tort tas-socejta' konvenuta billi l-art kienet imxarrba bl-ilma u zejt. L-ilma kien intefa min-nies tal-kumpanija u z-zejt kien hareg minn forklifter li kienu jahdmu bih l-*electricians* ta' l-istess kumpanija. Ix-xhieda li pproduca l-attur, Mangion u Pavia, ikkonfermaw li  l-attur kien zelaq fuq iz-zejt li kien hemm fl-art  u l-art kienet tal-konkos gdid u kienu xarrbuha.  Huma qalu li dak iz-zmien fis-*sorting room* kienu qed iwahhlu fannijiet mas-saqaf u l-haddiema kienu ilhom jahdmu fuqhom ghal xi granet. Fil-hin tal-korriment dawk il-haddiema pero' ma kienux prezenti. Dawn kienu juzaw forklifter.

Il-konvenuti gabu xhieda li qalu li dak iz-zmien l-Air Malta, li maghha l-attur kien impjegat, kienet tuza *tractors* tad-diesel li kienu jidhlu anke fis-*sorting area* fejn gara l-incident u l-kundizzjoni ta' dawn it-*tractors* ma kinitx tajba u kienu joholqu hafna problemi, billi kienu jdahhnu hafna u jitilqu z-zejt kull fejn ikun u kellhom *complaints* kbar fuqhom.

Dak iz-zmien l-MIA kellha *electricians* qed jahdmu maghha u mir-*records* ta' dak iz-zmien ma hemm ebda *record* li fid-data ta' l-incident l-MIA kellha xi impjegati taghha qed jahdmu f'dik l-*area* iwahhlu *ceiling fans*. Fil-fatt huma kienu qabbdu lill Pantalesco li bejn il 24 u 27 ta' Awissu 1992 kienu wahhlu *conduit* ghas *ceiling fans*, izda c-*ceiling fans* proprja kellhom iwahhluhom tal-Air Malta. Fil-31 ta' Awissu, 1992 ma kienx sar xoghol hemmhekk mill-MIA jew mill-kuntrattur taghha ghax dana kien spicca fis-27 ta' Awissu 1992. Dak in-nhar l-MIA ma kienitx uzat *forklifter* u fin-1992 l-MIA lanqas kellha ebda *forklifter*.

## KONSIDERAZZJONIJIET

### LIGI

**1031. K**ull persuna twiegeb ghall-hsara li tigri bi htija taghha.

**1032.** (1) Jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-famiija.

Biex l-attur jista' jirnexxi fl-azzjoni tieghu ghar-risarciment tad-danni jehtieg jipprova l-ezistenza ta' ness ta' kawzalita bejn id-dannu u l-agir tal-konvenut li allegatament ipprovokah (Vol L1 p1 p 664)

Dwar kif gara l-incident ta' l-attur ma hemmx kontestazzjoni. Jirrizulta li huwa zelaq fuq roqgha zejt bl-ilma meta kien qed jigbed it-trolley. Li hu kontestat huwa jekk il-konvenuti kienux responsabbili ghal ilma u zejt li kien hemm ma' l-art li kkawza din iz-zelqa ta' l-attur.

L-attur jallega li z-zejt kien gej minn *forklifter* li uzaw il-haddiema tal-kuntrattur imqabbad mis-socjeta' konvenuta. Il-provi juru li l-kuntrattur spicca mix-xoghol fit-30 ta' Awissu, 1992 mentri l-incident gara fil-31 ta' Awissu. Fid-data ta' l-incident ma kienx hemm haddiema mqabbda mis-socjeta' konvenuta jahdmu hemm.

Is-socjeta’ konvenuta gabet xhieda li qalu li l-Air Malta kienet qed tuza *tractors* li kienu jahdmu bid-diesel u li kienu anke jidhlu wkoll fis-*sorting area* u kienu jitilqu z-zejt kull fejn ikun. Is-socjeta’ konvenuta tghid li ma jirrizultaliex lanqas li kien twaddab ilma minn naha taghha u ma kien hemm ebda skop ghaliex jintefa l-ilma fl-art tas-*sorting area* billi t-terminal kien ilu li nfetah minn Marzu 1992.

Illi l-post fejn gara l-incident hu tas-socjeta’ konvenuta u hu amministrat minnha. Kien l-obbligu ghalhekk tas-socjeta’ konvenuta li tiehu hsieb li tipprovvdi post tax-xoghol li ma jkunx ta’ perikolu u riskju ghas-sahha ta’ l-istess utent taghhom. Is-socjeta’ konvenuta qed tikkontendi li hija ma kientx responsabbli ghaz-zejt u ilma li kien hemm fuq il-post u li ma jirrizultax li dan sar minnha jew mill-haddiema taghha.  Indipendentement minn dana pero’, anke jekk iz-zejt u l-ilma ma twaddabx minnha, s-socjeta’ konvenuta xorta tibqa’ responsabbli ghall-post fejn kien qed jahdem l-attur u haddiema ohra u kellha tiehu hsieb li tara li l-post ma jkunx ta’ perikolu ghall haddiema u taghmel kull  mezz biex jekk kien hemm iz-zejt jew l-ilma dana mhux biss ma jintefax hemm imma li jekk jintefa tara li dana jitnehha immedjatament biex jigu evitati incidenti fil-post taghha.

Ghalhekk a bazi ta’ dana l-obbligu s-socjeta’ konvenuta ghandha tinstab responsabbili ghal dak li gralu l-attur.

Il-Qorti minn naha l-ohra ma tara li ma kien hemm ebda htija kontributorja da parti ta’ l-attur billi bl-ebda mod ma kien responsabbli ghall akkadut.

**DANNI**

Bhala danni l-attur talab telf ta’ salarju, *overtime* u *extras* ghall perijodu tal korriment; spejjez immedjati  li nkorra ghal xogholijiet li ma setghax ikompli jaghmel; il-kont ta’ Dr. Casaletto; u telf ta’ qliegh u telf ta’ *promotion* ghal *marshaller*.

Is-socjeta’ konvenuta taccetta li, jekk tinsab htija da parti taghha, certi spejjez li saru huma dovuti, izda dwar spejjez

ohra ma hemmx ness ta' kawzalita bejn id-disabilita' ta' 2% u l-ispejjez inkorsi u hafna minnhom huma kontijiet li normalment ikollu kulhadd.

L-attur ipprezenta prospett a fol. 52 fejn elenka t-talbiet tieghu bil-kalkolazzjonijiet ta' l-ammonti li qed jitlob.

Dwar telf ta' zieda fil-paga ghax l-attur ma hax il-*promotion* ghal *marshaller* il-Qorti tirritjeni li dawn l-ammonti mitluba mhux dovuti. L-attur xehed li s-superjuri tieghu kienu heggewh darbtejn biex japplika ghal *marshaller* bhala *assistant head loader*. Dan kien wara l-incident. Hu ma applikax billi skond hu ma kienx abbli minhabba l-incident li gralu billi dan kien jinvolvi certu strapazz u minhabba din d-dizabilita' ma setghax jidhol ghaliha. Illi l-Qorti ghandha biss il-kelma ta' l-attur li huwa ma setghax japplika ghal dan il-grad. Jekk l-Air Malta kienet offritlu dina l-kariga kellha tkun hi li tirrifjutah ghaliex kellu dina dizabilita' u mhux jirrifujtaha hu. Skond ix-xhud Emanuel Galea (fol. 291) il-grad ta' *marshall loader* ma kienx jezisti fil-1992 u nholoq fil-1994.

Dwar l-ammonti l-ohra li l-attur talab ghall spejjez manutenzjoni tad-dar u xoghol fl-ghalqa, l-Qorti taqbel mas-socjeta' konvenuta li ma hemmx ness ta' kawzalita' bejn id-dizabilita' ta' 2% u l-ispejjez pretizi. Jekk l-attur hu kapaci jaghmel dak l-*overtime* kollu li rrizulta waqt is-smigh tal-provi u tajjeb biex igorr bagaglji, possibili mhux kapaci jaghmel xoghol ta' manutenzjoni d-dar. Inoltre l-kontijiet li pprezenta l-attur huma kontijiet li normalment kullhadd ikollu.

Kwantu ghat Lm30 spejjez ta' Dr. Casalletto dawn huma dovuti.

Kwantu ghall *overtime*, jirrizulta li l-attur anke wara l-incident baqa' jahdem *overtime*, ghalkemm hu jghid li mhux daqs qabel. Fil-lista ezibita a fol. 171 hemm indikat kemm l-attur kellu paga gross li kienet tinkludi l-*overtime* li nhadem. Il-Qorti ghalhekk ser tikkalkola fuq somma bhala paga ta' l-attur li tinkludi wkoll l-*overtime*.

L-attur kellu 37 sena meta gara l-incident. Il-Qorti ser tiehu *working life capacity* ta' l-attur ta' 20 sena u dana minhabba *chances and changes of life*.

Kwantu ghall paga l-Qorti ser tikkalkula a bazi ta' paga ta' Lm12,000 u tiehu wkoll in konsiderazzjoni aggustament ghall inflazzjoni.

Stante li l-incident gara fil-1992 mhux il-kaz li ssir deduzzjoni ghall *lump sum payment* u dana biex taghmel tajjeb ghall imghax.

Kwantu ghad dizabilita' permanenti l-Qorti ser toqghod fuq il-persentagg stabbilit mill-periti addizzjonali ta' 2%.

| Qliegh | | Multiplier | | Dizabilita' | Lump Sum |
|---|---|---|---|---|---|
| Lm12,000 | x | 20 sena | x | 2% | NIL |
| Lm4,800 | | | | | |

**Riepilogu**

| | |
|---|---|
| Damnum Emergens | Lm 30 |
| Lucrum Cessans | Lm4,800 |
| **Total** | **Lm4,830** |

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tiddikjara lill-konvenuti nomine responsabbli ghall-incident fuq imsemmi li fih safa' korrut l-attur;
Tillikwida d-danni li sofra l-attur b'konsegwenza ta' dan il-korriment fl-ammont ta' erbat elef tmien mija u tletin lira Maltin (Lm4,830);
Tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-attur is-somma hekk likwidata, bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-eventwali pagament.
Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------